# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa, 10 ta' Jannar 2025

**Kawża Nru. 7**

**Rik. Nru. 95/2024 ISB**

**Mattia Ianni (ID. Card No. 137956A), Salvino Confetti (ID. Card No. 113569A), Ivan Iannarilli (ID. Card No. 137959A), Alberto Baudacci (ID. Card No. 130839A)**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **Mattia Ianni et** tat-22 ta' Ottubru 2024 u li permezz tiegħu huma talbu lill-Qorti sabiex:-

*tordna illi tissejjah b'urgenza Laqgha Generali Straordinarja (i) tal-kumpannija Koala Group Limited (C 80115), u (ii) tal-kumpannija Phoneparts Limited (C 80117), it-tnejn li huma bl-agenda illi tidher fl-anness Dokument `E`, li tiffissa jum, hin u lok ghal dan il-ghan sabiex dawn iz-zewg Laqghat Generali Straordinarji jinzammu kontemporanjament, senjatament nhar il-Hamis 7 ta' Novembru 2024 f'Mompalau Buildings, Tower Street, Msida MSD 1825 fis-18:00hrs u tawtorizza lir-rikorrenti jew lil min minnhom sabiex isejjhu laqghat ohra jekk jkun il-kaz li l-agenda elenkata fuq l-anness Dokument "E" ma tigix ezawrita u tordna li tali laqgha u adjourned meetings jinzammu anke fl-assenza ta' quorum kif provdut fl-att socjali salv kull provvediment illi jogghobha taghti dina l-Qorti.*

U dan wara li ppremettew:

1) *Illi hekk kif jirrizulta mill-hawn anness printout tal-pagna intitolata "Share Capital" mehud minn fuq is-sit elettroniku tal-Malta Business Registry u li qed jigi mmarkat bhala* ***Dokument A****, ir-rikorrenti huma ilkoll azzjonisti tal-kumpannija Koala Group Limited (C 80115).*

2) *Illi di fatti oltre r-rikorrenti Clint Abela (ID. 293283M) u Charles Zammit (ID. 122082M) huma ukoll azzjonisti tal-kumpannija Koala Group Limited (C 80115).*

3) *Illi hekk kif jirrizulta mill-istess Dokument A, filwaqt illi r-rikorrenti ghandhom flimkien bejniethom elf mija u hamsa u ghoxrin (1,125) mill-elf u hames mitt (1,500) azzjoni fi hdan il-kumpannija Koala Group Limited (C 80115), l-imsemmija Clint Abela (ID. 293283M) u Charles Zammit (ID. 122082M) ghandhom biss tlett mija u hamsa u sebghin (375) azzjoni mill-elf u hames mitt (1,500) azzjoni fi hdan il-kumpannija Koala Group Limited (C 80115).*

4) *Illi mill-banda l-ohra hekk kif jirrizulta mill-hawn anness printout tal-pagna intitolata "Share Capital" mehud minn fuq is-sit elettroniku tal-Malta Business Registry u li qed jigi mmarkat bhala* ***Dokument B****, l-istess kumpannija Koala Group Limited (C 80115) ghandha elf erba' mija u disgha u disghin (1499) mill-elf u hames mitt (1,500) azzjoni fi hdan il-*

*kumpannija Phoneparts Limited (C 80117), filwaqt is-sehem l-iehor hdan il-kumpannija Phoneparts Limited huwa ta' pertinenza ta' Antonella Polidano (ID. 20895G).*

5) *Illi skond ma jirrizulta mill-Memorandum and Articles of Association tal-kumpannija Koala Group Limited (C 80115) (Kopja hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dokument C****) u mill-Memorandum and Articles of Association tal-kumpannija Phoneparts Limited (C 80117) (Kopja hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dokument D****), it-tmexxija ta' dawn iz-zewg kumpanniji kienet giet fdata f'idejn l-imsemmija Clint Abela (ID. 293283M) u Charles Zammit (ID. 122082M) qua diretturi taghhom.*

6) *Illi bi sfortuna jinghad illi l-ksur lampanti da parti ta' l-imsemmija Clint Abela (ID. 293283M) u Charles Zammit (ID. 122082M) tal-obbligi fiducjarji taghkom fil-konfront tal-kumpanniji Phoneparts Limited u Koala Group Limited qua diretturi taghhom imposti kemm bl-Artikolu 136A tal- tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta) u kif ukoll bl-Artikolu 1124A et seq tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) wassal u qed jwassal ghal telf finanzjarju u danni sostanzjali ghall-istess kumpanniji u ghall-mittenti l-ohra qua azzjonisti tal-kumpannija Koala Group Limited u beneficcjarji ahharija tal-kumpannija Phoneparts Limited (C 80117).*

7) *Illi apparti l-premess, l-imsemmija Clint Abela (ID. 293283M) u Charles Zammit (ID. 122082M) ukoll irrendew ruhhom hatja ta' atti u agir pregudizjali ohrajn fil-konfront ta' l-imsemmija kumpanniji Koala Group Limited (C 80115) u Phoneparts Limited (C 80117), fosthom:*

   i. *Nuqqas ta' Trasparenza, Kunflitt ta' Interess, u Gestjoni Hazina ta' Kirijiet; u*

   ii. *Imgieba mhux etika lejn l-Azzjonisti, senjatament lejn l-Azzjonisti maggoritarju u lejn l-Azzjonisti rikorrenti l-ohra*

***NUQQAS TA' TRASPARENZA, KUNFLITT TA' INTERESS U GESTJONI HAZINA TA' KIRJIET:***

8) *Minkejja diversi tentattivi matul is-snin, Phoneparts Limited (C 80117) qatt ma setghet tassigura kuntratt ta' kiri formali ghall-edifizzju minn fejn kienet tiggestixxi n-negozju taghha u li kienet tuza bhala l-ufficcju, u l-mahzen taghha. Sid il-kera ta' dan l-edifizzju (forsi gustament) kien jikkomunika esklussivament ma l-imsemmija Clint Abela (ID. 293283M) u Charles Zammit (ID. 122082M), li huma wkoll l-unici sidien ta' hanut bl-isem ta' Phonerefix, ditta separata li topera fl-istess bini izda fuq sulari differenti, u li kienet tixtri spare parts tal-mobile minghand Phoneparts.*

9) *Wara aktar minn seba' (7) snin, l-uniku kuntratt ta' kiri ezistenti kien taht l-isem ta' Phonerefix, bil-kumpannija Phoneparts Limited (C 80117) thallas il-kera ghall-edifizzju taghha regolarment minghajr ma rceviet ebda fattura / ircievuta ghal dawn il-hlasijiet, li matul il-perjodu l-aktar ricenti, kienu fl-ammont mensili ta' €2,740 fix-xahar.*

10) *Apparti minn hekk, gie ghall-attenzjoni tar-rikorenti wkoll li l-fond fejn kienet topera l-kumpannija Phoneparts Limited (C 80117), kien registrat bhala garaxxijiet u ma kienx munit bil-permessi mehtiega sabiex jintuza ghal skopijiet kummercjali, u b'hekk l-operat tal-kumpanija hemmhekk kien illegali u milli jidher kien jikser it-termini ta' subkiri wkoll.*

11) *Illi ghalkemm kemm-il darba kienu gew proposti diversi postijiet alternattivi mill-azzjonisti rikorrenti lill-imsemmija Clint Abela (ID. 293283M) u Charles Zammit (ID. 122082M) qua diretturi tal-kunpannija Phoneparts Limited (C 80117), izda l-istess Clint Abela  u Charles Zammit, ghal ragunijiet noti lilhom stess biss, b'mod konsistenti ostakolaw dawn l-isforzi, u dana kontra l-interessi diretti t tal-kunpannija Phoneparts Limited (C 80117) u kwindi anke kontra l-interessi tal-azzjonist maggoritarja taghha Koala Group Limited (C 80115) u kontra l-interessi tar-rikorrenti qua azzjonisti maggoritarji ta' Koala Group Limited (C 80115).*

***IMGIEBA MHUX ETIKA LEJN L-AZZJONIST MAGGORITARJU U LEJN L-AZZJONISTI RIKORRENTI L-OHRA:***

12) *Fil-bidu tas-sena 2023, ir-rikorrent Savino Confetti, il-fundatur tal-azzjenda Phoneparts u l-azzjonist maggoritarju b'40% tal-*

*azzjonijiet tal-kumpannija Koala Group Limited (C 80115) u kwindi 40% tal-beneficial ownership tal-kunpannija Phoneparts Limited (C 80117), kien sofra kundizzjoni kardjovaskulari ta' natura gravi li kienet ta' theddida ghall-hajtu, tant li l-istess Savino Confetti kien spicca f'koma ghal diversi jiem, segwit minn xhur ta' riabilitazzjoni barra minn Malta. Matul l-assenza tieghu, l-istess Clint Abela u Charles Zammit ghamlu diversi tentattivi biex jipperswadu lill-azzjonisti l-ohra (cioe' lir-rikorrenti odjerni l-ohra) sabiex jnehhu lil Savino Confetti mill-pozizzjoni tieghu bhala Corporate Purchasing Manager fi hdan il-kumpannija, iwaqqfu s-salarju tieghu, u jeskluduh mill-operat tal-kumpanija. Dan l-agir da parti ta' l-istess Clint Abela u Charles Zammit wera kemm mhux biss kellhom nuqqas shih ta' empatija u hsieb ghas-sahha ta' Savino Confetti izda anke nuqqas kbir ta' apprezzament ghall-kontribuzzjonijiet, sforzi u impenn li Savino Confetti dejjem ta lill-kumpaniji.*

13) *L-azzjonisti unanimament irrifjutaw din il-proposta.*

14) *Madankollu, malli Savino Confetti lahaq irkupra parzjalment, l-istess Clint Abela u Charles Zammit mbaghad ippruvaw jikkonvincu lill-istess rikorrent Savino Confetti privatament sabbiex jiehu azzjoni simili kontra l-azzjonisti rikorrenti l-ohra.*

15) *Dan l-agir skorett u disonest wassal sabiex ir-rikorrenti tilfu ghal kollox kwalunkwe fiducja li kien ghad kellhom fl-integrita' ta' l-istess Clint Abela u Charles Zammit u wassal lir-rikorrenti sabiex jibzghu li b'mod imminenti hafna l-imsemmija Clint Abela u Charles Zammit kien se jeskludi lir-rikorrenti ghal kollox mill-operat ta' Phoneparts Limited (C 80117), mill-avvjament taghha u kwindi ukoll ta' Koala Group Limited (C 80115), mill-klijenti ta' Phoneparts Limited (C 80117) u mill-fond minn fejn Phoneparts Limited kienet topera, it-titolu legali ta' liema fond, ghandu jigi mfakkar, kien mizmum biss minn Clint Abela (ID. 293283M) u Charles Zammit (ID. 122082M) <u>personalment</u> ad eskluzjoni assoluta tal-kumpannija Phoneparts Limited (C 80117).*

16) *Peress li n-natura tan-negozju personali ta' Clint Abela u Charles Zammit, jigifieri dak ta' Phonerefix hawn fuq imsemmija hija intimament konnessa mal-linja tan-negozju ta' Phoneparts, minhabba dan il-ksur ta' fiducja u r-riskju*

*serju probabbli li jigi michud l-access ghall-post (meta wiehed iqis li dawn l-access ghall-post). kontroll fuq il-ftehim ta' kiri illegali) u t-theddida serja ghar-rieda demokratika tal-maggoranza assoluta tal-azzjonisti ta' Koala Group Limited (C 80115) u ghalhekk ghar-rieda tas-sidien beneficjarji ta' Phoneparts Limited (C 80117), l-azzjonisti hassew li kien imperattiv li z-zewg diretturi jitnehhew immedjatament biex jissalvagwardjaw l-operazzjonijiet u l-ahjar interessi ta' Koala Group (C 80115) u Phoneparts Limited (C 80117).*

17) *Minhabba dan l-ksur lampanti da parti ta' l-imsemmija Clint Abela (ID. 293283M) u Charles Zammit (ID. 122082M) tal-obbligi fiducjarji taghkom fil-konfront tal-kumpanniji Phoneparts Limited u Koala Group Limited, minhabba r-riskju car u manifest li l-azzjonisti ta' Koala Group Limited (C 80115) u ghalhekk is-sidien beneficjarji ta' Phoneparts Limited (C 80117) jigu eskluzi ghal kollox mill-istess kumpanniji u anke mill-access ghall-edifizzju minn fejn Phoneparts Limited (C 80117) kienet tigestixxi n-negozju (li kif inghad kien mikri lil Clint Abela (ID. 293283M) u Charles Zammit (ID. 122082M) personalment) u mill-avjament kollu ta' l-istess kumpanniji Phoneparts Limited (C 80117) u Koala Group Limited (C 80115), u minhabba li r-rikorrenti tilfu kull fiducja u ir-rikorrenti l-azzjonisti hassew li kien imperattiv li z-zewg diretturi jitnehhew immedjatament biex jissalvagwardjaw l-operat u l-interessi tal-kumpanija.*

18) *Peress illi laqgha generali sabiex il-maggoranza tal-azzjonisti ta' Phoneparts Limited (C 80117) u ta' Koala Group Limited (C 80115) jnehhu l-istess Clint Abela (ID. 293283M) u Charles Zammit (ID. 122082M) mill-posizzjoni taghhom ta' diretturi ta' dawn iz-zewg kumpanniji, allura ma kienx possibbli li tittiehed l-azzjoni mehtiega sabiex tigi salvagwardjata ghar-rieda demokratika tal-maggoranza assoluta tal-azzjonisti ta' Koala Group Limited (C 80115) u ghalhekk ghar-rieda tas-sidien beneficjarji ta' Phoneparts Limited (C 80117), l-azzjonisti hassew li kien imperattiv li z-zewg diretturi jitnehhew immedjatament biex jissalvagwardjaw l-operazzjonijiet u l-ahjar interessi ta' Koala Group (C 80115) u Phoneparts Limited (C 80117).*

19) *Illi fic-cirkostanzi jezistu il-pressuposti kollha a tenur tal-Artikolu 132(1) tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Ligijiet*

*ta' Malta) sabiex ir-rikorrenti jaddixxi dina l-Onorabbli Qorti Qorti*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 6 sa fol 27).

Rat **id-digriet** tagħha tal-24 ta' Ottubru 2024 u li bih ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-6 ta' Novembru 2024 fil-11:30 a.m. u fejn kien ordnat illi r-rikors jiġi notifikat lil kull parti li setgħet kienet interessata f'dawn il-proċeduri, bi żmien għat-tweġiba.

Rat in-nota tar-rikorrenti intavolata fit-28 ta' Ottubru 2024 (fol 29) li permezz tagħha ppreżentaw żewġ dokumenti (fol 30 sa fol 32).

Rat ir-**risposta** ta' **Charles Zammit** u **Clint Abela** intavolata fil-5 ta' Novembru 2024 (fol 34) b'dokumenti annessi, li permezz tagħha eċċepew:

***Preliminari:***

***Koala Group Limited***

***1. Tnehhija irregolari tal-esponenti minn diretturi.***

*Illi l-esponenti huma azzjonisti tas-socjeta' Koala Group Limited.*

*Illi sa' ftit ilu l-esponenti kienu wkoll l-unici diretturi tal-istess ocjeta' u fis-27 ta' Awissu 2024 ir-rikorrenti f'dil-procedura nehhewhom minn diretturi tal-istess bl-iktar mod abbuziv u illegali, minghajr ma giet segwita l-procedura kontemplata fl-artikolu 140 tal-Att dwar il-Kumpaniji; minflok ir-rikorrenti ntavolaw Form K, b'informazzjoni falza, li l-esponenti kienu rrizenjaw minn diretturi. DIN HIJA FALSITA'. L-esponenti qatt ma rrizenjaw.*

*Illi din il-Form K giet iffirmata minn Alberto Bauducci, wiehed mir-rikorrenti.*

*Illi l-esponenti tnehhew mill-posizzjoni taghhom b'mod ghal kollox irregolari.*

*Illi dan jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi bhala Dok. A001 u A002.*

*Illi d-diretturi attwali, gew appuntati b'mod ghal kollox irregolari.*

***2. Allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet fil-konfront tal-esponenti***

*Illi fir-rikors odjern hemm numru ta' allegazzjonijiet serjissimi fil-konfront tal-esponenti li dawn kisru l-obbligi fiducjarji taghhom, u li dan wassal ghal telf finanzjarju ghas-socjeta'.*

*Illi ghal kull buon fini dan hu negat bl-iktar mod kategoriku.*

*Illi l-esponneti jifhmu illi dan is-suggett mhux il-merrtu ta' dan ir-rikors, u b'hekk huma ser jirribattu tali allegazzjonijiet fil-proceduri idoneji ghal dan, u mhux f'din ir-risposta.*

***3. It- talba ai termini tal-artikolu 132 (1) tal-Kap. 386***

*Illi l-esponenti u l-avukati taghhom sinceramernt ma jistghux jifhmu:*

*1. Ghalfejn saret din it-talba; u*

*2. X'korrelazzjoni hemm bejn il-premessi u t-talba.*

*Illi l-esponenti m'ghandhom ebda oggezzjoni li ssir laqgha general straordinarja.*

*Illi l-esponenti ma jistghux jifhmu x'zamm lir-rikorrenti milli jsejhu tali laqgha.*

*Illi minn dak li qed jifhmu l-esponenti, ir-rikorrenti dahlu lilhom infushom fi sqaq legali u issa qed jipprovaw juzaw din il-Qorti bhala salvauomo ghall-agir illegali u abbuziv taghhom fit-tnehhija tal-esponenti minn diretturi.*

*Illi r-rikorrenti malli nehhew lill-esponenti minn diretturi, kienu qabdu u appuntaw lil  Alberto Bauducci u Savino Confetti bhala diretturi tal-istes socjeta', ara l-annessi Form K's u l-printout tar-Registratur tas-Socjetajiet, Doks. A003, A004, A005, A006.*

*Illi tali diretturi, kieku kienu mahtura b'mod korrett, setghu huma stess jikkonvokaw il-laqgha straordinarja tas-socjeta'*

*Illi l-artikolu 31 tal-First Schedule tal-Att dwar il-Kumpaniji, li huwa applikabbli ghas-socjeta' Koala, jaghmilha cara:*

*31. The directors may, whenever they think fit, convene an extraordinary general meeting, and extraordinary general meetings shall also be convened on such requisition, or, in default, may be convened by such  requisitionists, as provided by article 129 of the Act.*

***<u>Illi allura x'zamm lid-diretturi l-godda li jikkonvokaw il-laqgha? Bezghu li dak li jiddeciedu waqt tali laqgha jista' jkun null? Ghalfejn hassew il-bzonn li jitolbu lill-Qorti li tikkonvoka l-laqgha hi?</u>***

*Illi huwa car li dil-procedura hija tentattiv iddisprat sabiex l-azzjoni illegali u abbuziva tat-tnehhija taz-zewg esponenti minn diretturi, tigi sanata – xejn iktar u xejn inqas. Altrimenti d-diretturi attwali setghu ikkonvokaw il-laqgha huma. L-azzjonisti setghu dejjem ai termini tal-artikolu 129 jitolbu lid-diretturi li jikkonvokaw il-laqgha generali straordinarja.*

*Illi huwa car li hemm bizgha li l-azzjonijiet tad-diretturi attwali huma impunjabbli, u b'hekk saret il-procedura odjerna.*

*ILLI MIN JIGI GHAL PROTEZZJONI TAL-QORTI, JRID JERSAQ B'IDEJH NODFA.*

*Illi dan mhux il-kaz hawnhekk.*

### *4. L-Inapplikabilita' tal-artikolu 132.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu 132 ma hux applikabbli ghal kaz odjern.*

*Illi din il-Qorti gia' esprimiet ruhha f'liema cirkostanzi hija kellha tintervjeni sabiex issejjah laqgha generali ta' socjeta'. Fil-kawza fl-ismijiet: Jarrow Limited et vs Ruth M. Azzopardi et, (Rik. 87/22ISB) deciza fit-18 t' Ottubru 2024, dil-Qorti qalet hekk:*

***<u>Illi għalhekk, l-Artikolu 132(1), li a bażi tiegħu saret din il-proċedura, jistabillixxi ssegwenti kriterju sabiex azzjoni bħal din tirnexxi - xi raġuni li għaliha ma jkunx prattikabbli li tissejjaħ laqgħa ta' kumpanija bil-mod li biħ jistgħu jissejħu laqgħat tal-kumpanija, jew xi jew l-istess raġuni li għaliha ma jkunx prattikabbli jitmexxew il-laqgħat ta' dik il-kumpanija bil-mod stabbilit bl-istatut jew b'dan l-Att.</u>***

*Illi fil-kaz odjern l-ebda wahda minn dawn ir-ragunijiet ma tezisti.*

*Illi ssir referenza wkoll ghal-dak li gie deciz fil-kawza Anne J. Pace vs X (14/2020JZM) tat-18 ta' Gunju 2020 fejn intqal hekk:*

*Il-mudell ghall-Art 132(1) tal-Kap 386 kienet Sec 371(1) tal-Companies Act Ingliza 1985, li llum saret Sec 306 tal-Companies Act Ingliza 2006. Tajjeb jinghad illi fil-ligi Ingliza ma kienx hemm disposizzjoni bhall-Art 132(2) taghna. Infatti fil-ligi Ingliza s-setgha*

*tal-qorti hija limitata ghall-convening of general meetings mhux ghal meetings of the board of directors. Fil-Pag 1427-1428 ta` Principles of Maltese Company Law (Second Edition – Volume Three – 2019 – MUP) Andrew Muscat ighid hekk b`riferenza ghall-Art 132(1) tal-Kap 386 – General meetings may also, in particular circumstances, be convened, held and conducted as directed by the Civil Court. The court may exercise this power if, for any reason, it is impracticable (i) to call a meeting of a company in any manner in which meetings of the company may be called or (ii) to conduct the meeting in the manner prescribed by the articles or the Companies Act. The court should be entitled to direct that a meeting be held when it is impossible to hold a general meeting because of the persistent absence of a quorum at general meetings. The court should not however direct that a meeting be convened simply because the directors had rejected a request by a member to call a meeting. Nor should the court use its powers to overcome a deadlock in the company`s affairs where the deadlock is the result of a deliberately created parity of votes between two members. Indeed the legislative provision is designed to empower the court to ensure that meetings are held but not to alter the result that is likely to follow from that meeting. Where however the provisions of the articles are cynically exploited by some shareholders to block an effective meeting, the court should be able to exercise its powers. The court may exercise its power either (i) on its own motion or on the demand of either of the parties to proceedings before it during the course of such proceedings, or (ii) in the absence of such proceedings, on the application of any director of the company or of any member of the company who would be entitled to vote at the meeting. The court may order that the meeting be called, held and conducted in such manner as it thinks fit, and it may, whenever any such order is made, give such ancillary or consequential directions as it thinks expedient, including a direction that one member of the company present in person or by proxy is to be deemed to constitute a meeting.*

*Ili tenut kont tas-sitwazzjoni fi hdan is-socjeta' Koala Group Limited, ma hemmx ir-rekwiziti sabiex din il-Qorti tintervjeni.*

***Phoneparts Limited.***

*Illis s-sitwazzjoni fi hdan Phone parts Limited, hija identika ghal dik fi hdanKoala Group Limited.*

*Illi anke hawnhekk l-esponenti tnehhew minn diretturi u r-rikorrenti hatru lill-istess zewg persuni – Alberto Bauducci u Savino Confetti bhala diretturi.*

> *Illi dak kollu li intqal iktar 'l fuq dwar is-socjeta' Kola Group Limited, huwa applikabbli ghas-socjeta' Phoneparts Limited.*
>
> *Illi b'hekk it-talba tar-rikorrenti li jsiru dawn iz-zewg laqghat generali straordinartji bil-barka tal-Qorti ghadna tigi michuda ghax f'dan il-kaz l-artikolu 132 qed jigi abbuzat u mhux uzat.*

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Novembru 2024 xehed **Savino Confetti** li bil-ġurament tiegħu kkonferma l-kontenut tar-rikors promotur. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti li m'għandhomx aktar provi xi jressqu.

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-6 ta' Novembru 2024, xehed **Charles Zammit** li bil-ġurament tiegħu kkonferma li huwa qatt ma rriżenja minn direttur la ta' Phone Parts Limited u lanqas ta' Koala Group Limited u jikkonferma li llum m'għadux direttur għaliex tneħħa mingħajr ma jaf ir-raġuni.

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-6 ta' Novembru 2024, xehed **Clint Abela**, li bil-ġurament tiegħu kkonferma li huwa qatt ma rriżenja minn direttur la ta' Phone Parts Limited u lanqas ta' Koala Group Limited u jikkonferma li llum m'għadux direttur għaliex tneħħa. Jikkonferma li dan sar jafu meta rċieva kopja tal-Form K mingħand l-MBR li kienet iffirmata minn Alberto Baudacci u li kienet tgħid li huwa rriżenja mentri huwa jiċħad dan. In kontro-eżami jgħid li meta rċieva l-istess Form K huwa kien ħa parir legali u jikkonferma li ġiet skambjata korrispondenza legali fejn ġiet ikkontestata l-istess formula.

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-6 ta' Novembru 2024, id-difensur ta' Charles Zammit u Clint Abela iddikjara li m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu. Rat li għalhekk il-Qorti kienet ddikjarat il-provi tal-partijiet magħluqa.

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-6 ta' Novembru 2024, wara li l-partijiet trattaw il-kawża, il-Qorti, il-kawża tħalliet għal-lum għad-deċiżjoni.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-**Artikolu 132(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta** u li permezz tagħha r-rikorrenti, qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tordna li tissejjaħ b'urġenza Laqgħa Ġenerali Straordinarja (i) tal-Kumpanija **Koala Group Limited** (C 80115), u (ii) tal-

kumpannija **Phoneparts Limited** (C 80117) bl-aġenda minnhom preżentata u fil-ħin u l-post minnhom indikat.

Ir-rikorrenti jispjegaw illi huma lkoll azzjonisti tas-soċjeta' Koala Group Limited flimkien ma' Clint Abela u Charles Zammit fl-ishma minnhom indikati. Oltre' minn hekk jispjegaw li s-soċjeta' Koala Group Limited hija azzjonista tas-soċjeta' Phoneparts Limited flimkien ma' Antonella Polidano, fl-isħma minnhom indikati.

Jgħidu li t-tmexxija taż-żewġ soċjetajiet kienet fdata f'idejn Clint Abela u Charles Zammit bħala diretturi. Isostnu illi d-diretturi qed jaġixxu bi ksur lampanti tal-obbligi fiduċjarji tagħhom fil-konfront taż-żewġ kumpaniji kif imposti mill-Artikolu 136A tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 1124A et seq tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u li dan wassal u qed iwassal għal telf finanzjarju u danni sostanzjali għall-benefiċċjarji taż-żewġ soċjetajiet kummerċjali msemmija.

Jikkontendu li kien hemm nuqqas ta' trasparenza, kunflitt ta' interess u ġestjoni ħażina ta' kirjiet u dana stante li minkejja diversi tentattivi tul is-snin, Phoneparts Limited qatt ma setgħet tassigura kuntratt ta' kiri formali għall-edifiċju minn fejn kienet topera bħala uffiċċju u l-maħżen. Jispjegaw li sid il-kera kien jikkomunika esklussivament ma' Clint Abela u Charles Zammit, li kienu sidien ta' ħanut jopera fl-istess blokka, li jixtri mingħand Phoneparts Limited. Jispjegaw li f'seba' (7) snin qatt ma nħarġet irċevuta f'isem il-kumpanija Phoneparts Limited minkejja li din kienet tħallas il-kirjiet. Oltre' minn hekk, jgħidu li l-fond minn fejn kienet qed topera l-kumpanija ma kellux il-permess rekwiżit sabiex issir attivita' kummerċjali. Jikkontendu li għalkemm kemm-il darba saru suġġerimenti sabiex saħansitra jbiddlu l-post tal-operat, Charles Zammit u Clint Abela qatt m'għamlu dan.

Jispjegaw ukoll li kien hemm imġieba mhux etika lejn l-azzjonist maġġoritarju u lejn l-azzjonisti rikorrenti l-oħra u dana stante li meta wieħed mir-rikorrenti, Savino Confetti kellu problemi ta' saħħa, Charles Zammit u Clint Abela kienu ppruvaw jikkonvinċu lill-azzjonisti l-oħra li l-istess Confetti jitneħħa mill-posizzjoni ta' *purchasing manager* li kellu fi ħdan il-kumpanija, liema proposta ġiet rifjutata. Isostnu li meta Confetti

rkupra, ittentaw li jikkonvinċuh jieħu azzjonijiet simili fil-konfront tal-azzjonisti l-oħra.

Jgħidu li dan wassal sabiex ir-rikorrenti tilfu kull fiduċja fi Clint Abela u Charles Zammit, kif ukoll daħlet biża li ser ikun hemm attentat li r-rikorrenti jitneħħew mill-kumpanija. In vista ta' dan, jispjegaw li kien imperattiv li ż-żewġ diretturi jitneħħew immedjatament u dana sabiex tiġi salvagwardjata r-rieda demokratika tal-maġġoranza assoluta taż-żewġ kumpaniji. Jgħidu li għalhekk jeħtieġ li tissejjaħ laqgħa ġenerali straordinarja.

Fit-**trattazzjoni** tagħhom, jgħidu li l-uniċi żewġ diretturi tal-kumpanija kienu Charles Zammit u Clint Abela u l-liġi tirrikjedi li sabiex tissejjaħ laqgħa ġenerali trid tkun tramite d-diretturi u għalhekk minħabba dak li seħħ bejniethom, dan ma setax isir. Jispjegaw li minħabba li l-Form Ks li bihom ġew mneħħija d-diretturi u appuntati oħrajn ġodda qed jiġu kkontestati, allura qed jitolbu lil Qorti sabiex issejjaħ il-laqgħa hi bis-saħħa tal-liġi. Jikkontendu li mhumiex qed jitolbu lil Qorti tissana kwalunkwe azzjoni rregolari li għamlu minn naħa tagħhom, iżda li tissejjaħ laqgħa sabiex l-azzjonisti jkunu jistgħu jissanaw il-posizzjoni tagħhom.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi min-naħa tagħhom, **Charles Zammit** u **Clint Abela** jgħidu li huma azzjonisti tas-soċjeta' Koala Group Limited. Jispjegaw li sa ftit żmien ilu kienu l-uniċi diretturi tal-istess soċjeta' sakemm tneħħew fis-27 ta' Awissu 2024, liema tneħħija saret mingħajr ma ġew segwiti r-rekwiżiti tal-Artikolu 140 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħidu li t-tneħħija tagħhom seħħet billi ġiet sottomessa Form K b'informazzjoni falza, li huma rriżenjaw, meta dan ma kienx minnu.

Jirrespinġu għal kollox dak li ġie allegat dwarhom fir-rikors promotur.

Fir-rigward tat-talba ai termini tal-Artikolu 132(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, huma jsostnu li huma m'għandhom l-ebda oġġezzjoni li ssir laqgħa ġenerali straordinarja u ma jistgħux jifhmu għaliex ir-rikorrenti ma sejħux l-istess laqgħa. Isostnu li r-rikorrenti daħlu fi sqaq legali, wara li appuntaw id-diretturi l-ġodda b'mod irregolari,  u li issa qed jippruvaw jissanaw bil-

Qorti dak minnhom magħmul ħażin, u dana stante l-fatt li kieku l-istess diretturi ġew maħtura b'mod legali, allura setgħu jkunu huma ai termini tal-artikolu 129 tal-Kap 386 li jsejjħu l-laqgħa.

Oltre' minn hekk, jikkontendu li l-Artikolu 132 tal-Kap 386 mhuwiex applikabbli għal każ odjern għax ma jeżistux ir-rekwiżiti sabiex dan ikun applikabbli. F'dan ir-rigward jirreferu għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Jarrow Limited et vs Ruth M Azzopardi et** deċiża fit-18 t'Ottubru 2024, kif ukoll għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta fl-ismijiet **Anne J. Pace vs X** deċiża fit-18 ta' Ġunju 2020.

Finalment jgħidu li s-sitwazzjoni dwar is-soċjeta' Phoneparts Limited hija identika u għalhekk l-istess argumenti japplikaw għaliha wkoll.

Fit-**trattazzjoni** tagħhom, huma jgħidu li r-rikorrenti b'mod arbitrarju u illegali riedu jneħħu lil Charles Zammit u lil Clint Abela minn diretturi u ttieħed vot bejn ir-rikorrenti, li għandhom il-maġġoranza u neħħewhom minn diretturi, sabiex imbagħad niżżlu fuq Form K li kien hemm riżenja u appuntaw diretturi ġodda, mingħajr ma segwew il-proċedura li jitlob l-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Jikkonfermaw li hemm proċeduri pendenti rigward il-Form K nnifisha.

B'hekk isostnu li kwalunkwe azzjoni ta' dawk id-diretturi l-ġodda tista' tiġi ddikjarata nulla u għalhekk qegħdin jirrikorru għand il-Qorti sabiex issejjaħ il-laqgħa hi sabiex jissanaw l-azzjonijiet irregolari tagħhom. F'dan ir-rigward jgħidu b'mod kategoriku li jekk kemm-il darba din it-talba tintlaqa' huma mhux ser jattendu għal-laqgħa, iżda lesti li jitkellmu mar-rikorrenti sabiex jaslu f'xi forma ta' ftehim.

Fir-rigward tal-Artikolu 132, huma jispjegaw li dan japplika meta mhux possibli li tiġi msejjħa laqgħa jew mhuwiex prattikabbli, u jsostnu li dawn bħala fatt ma jirriżultawx u dana stante li l-ewwelnett kien possibli li laqgħa tissejjaħ u anke li titmexxa u għalhekk it-talba ma tistax tiġi milqugħa. Oltre' minn hekk, jikkontendu li l-aġenda mhix waħda skont il-liġi stante li t-*test* tar-riżoluzzjoni ma jirriżultax u lanqas ma tirriżulta *proxy form*. Iżidu li l-laqgħa setgħet issejħet ai termini tal-artikolu 129 tal-Kap 386.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-**Artikolu 132(1) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid espressament hekk:

> *Jekk għal xi raġuni ma jkunx prattikabbli li tissejjaħ laqgħa ta' kumpanija bil-mod li bih jistgħu jissejħu laqgħat tal-kumpanija, jew li jitmexxew il-laqgħat ta' dik il-kumpanija bil-mod stabbilit bl-istatut jew b'dan l-Att, il-qorti tista', jew minn rajha jew fuq it-talba ta' xi waħda mill-partijiet fil-proċedimenti waqt dawk il-proċedimenti jew, fin-nuqqas ta' xi proċedimenti, fuq rikors ta' xi direttur tal-kumpanija jew ta' xi membru tal-kumpanija li jkollu dritt jivvota fil-laqgħa, tordna li laqgħa tal-kumpanija tissejjaħ, tinżamm u titmexxa b'dak il-mod li l-qorti jidhrilha xieraq, u meta jingħata xi ordni bħal dan, tista' tagħti dawk id-direttivi anċillari jew konsegwenzjali li jidhrilha xieraq, inkluża d-direttiva illi membru wieħed tal-kumpanija preżenti personalment jew bi prokura jitqies li jikkostitwixxi laqgħa.*

Il-Qorti tosserva l-insenjament tagħha stess fis-sentenza **Jarrow Limited et vs Ruth Azzopardi et** deċiża fit-18 t'Ottubru 2024, meta ntqal hekk:

> *Fil-provvediment ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-każ **Anne J. Pace vs X** (14/2020JZM) tat-18 ta' Ġunju 2020, ġie spjegat hekk fil-kuntest ta' dan l-Artikolu tal-liġi:*
>
> *Il-mudell ghall-Art 132(1) tal-Kap 386 kienet Sec 371(1) tal-Companies Act Ingliza 1985, li llum saret Sec 306 tal-Companies Act Ingliza 2006. Tajjeb jinghad illi fil-ligi Ingliza ma kienx hemm disposizzjoni bhall-Art 132(2) taghna. Infatti fil-ligi Ingliza s-setgha tal-qorti hija limitata ghall-convening of general meetings mhux ghal meetings of the board of directors.*
>
> *Fil-Pag 1427-1428 ta`* ***Principles of Maltese Company Law*** *(Second Edition – Volume Three – 2019 – MUP) Andrew Muscat ighid hekk b`riferenza ghall-Art 132(1) tal-Kap 386 –*

*General meetings may also, in particular circumstances, be convened, held and conducted as directed by the Civil Court. The court may exercise this power if, for any reason, it is impracticable (i) to call a meeting of a company in any manner in which meetings of the company may be called or (ii) to conduct the meeting in the manner prescribed by the articles or the Companies Act. The court should be entitled to direct that a meeting be held when it is impossible to hold a general meeting because of the persistent absence of a quorum at general meetings. The court should not however direct that a meeting be convened simply because the directors had rejected a request by a member to call a meeting. Nor should the court use its powers to overcome a deadlock in the company`s affairs where the deadlock is the result of a deliberately created parity of votes between two members. Indeed the legislative provision is designed to empower the court to ensure that meetings are held but not to alter the result that is likely to follow from that meeting.*

*Where however the provisions of the articles are cynically exploited by some shareholders to block an effective meeting, the court should be able to exercise its powers. The court may exercise its power either (i) on its own motion or on the demand of either of the parties to proceedings before it during the course of such proceedings, or (ii) in the absence of such proceedings, on the application of any director of the company or of any member of the company who would be entitled to vote at the meeting. The court may order that the meeting be called, held and conducted in such manner as it thinks fit, and it may, whenever any such order is made, give such ancillary or consequential directions as it thinks expedient, including a direction that one member of the company present in person or by proxy is to be deemed to constitute a meeting.*

*Illi għalhekk, l-Artikolu 132(1), li a bażi tiegħu saret din il-proċedura, jistabillixxi ssegwenti kriterju sabiex azzjoni bħal din tirnexxi -* ***xi raġuni li għaliha ma jkunx prattikabbli li***

> ***tissejjaħ laqgħa ta' kumpanija bil-mod li biħ jistgħu jissejħu laqgħat tal-kumpanija, jew xi jew l-istess raġuni li għaliha ma jkunx prattikabbli jitmexxew il-laqgħat** ta' dik il-kumpanija bil-mod stabbilit bl-istatut jew b'dan l-Att.*

Gower, **Principles of Modern Company Law**, (Eleventh Edition – 2021 - para 12-031) jingħad hekk:

> *After much litigation over this issue, the Courts appear to have reached a more settled position. In principle, the Court can call a meeting to break a deadlock created by quorum requirements, because, where the shareholdings are not equally, the normal principle of majority rule is being frustrated by the quorum requirement. That said, it may be that the quorum requirements have been deliberately adopted in order to produce deadlock if the parties cannot agree, and in that case the court's power should not be used to overrule the parties' clear agreement. A court is likely to conclude that this is the purpose of the quorum requirement, where it takes the form of a class right attached to the shares of one of the parties. Other than that unusual situation, the question of whether the quorum provision was intended to create deadlock in the case of disagreement is a matter of construction of the articles' or shareholder's agreement. …………*
>
> *On the other hand, where the Court takes the view that the provisions of the articles or the CA 2006 are being cynically exploited by a group of shareholders to block an effective meeting, it may exercise its power to call a meeting in the broadest way. …………*

Magħruf dan l-insenjament, il-Qorti tqis li r-rikorrenti f'dawn il-proċeduri ma ġabu ebda prova dwar raġunijiet għaliex ma tistax tissejjaħ laqgħa ġenerali straordinarja tal-kumpanija. Per eżempju ma nġiebet l-ebda prova li r-rikorrenti talbu li ssir laqgħa li b'xi mod ġiet irrifjutata mid-diretturi. Oltre' minn hekk, lanqas ma ġabu ebda prova dwar raġunijiet għaliex l-laqgħa ma tkunx tista' titmexxa stante li r-rikorrenti huma l-azzjonisti

maġġoritarji ta' Koala Group Limited u indirettament ta' Phoneparts Limited ukoll.

F'dan il-kuntest, il-Qorti ma tistgħax ma tosservax u tagħti piż lil dak dikjarat mill-istess Clint Abela u Charles Zammit fir-risposta tagħhom, meta ddikjaraw illi mhux biss ma setgħux jifhmu għaliex tressqet din l-azzjoni, imma ukoll illi huma ma kellhom "*ebda oġġezzjoni li ssir il-laqgħa generali straordinarja*".

Il-Qorti għalhekk tosserva li l-vera kwistjoni li għandha quddiemha tikkonċerna azzjoni, allegatament arbitrarja, li ħadu r-rikorrenti meta neħħew lid-diretturi Clint Abela u Charles Zammit minn diretturi taħt il-pretiża illi dawn irriżenjaw meta kienu jafu ben tajjeb illi dan ma kienx minnhu. Il-Qorti tinnota li, fil-fatt, dwar din il-kwistjoni, il-partijiet jaqblu li hemm proċeduri pendenti mar-Reġistratur tal-Kumpaniji. Anke jekk irid jingħad illi kemm Clint Abela u kif ukoll Charles Abela, bil-ġurament tagħhom quddiem din il-Qorti, caħdu illi kien irriżenjaw.

Ċertament kienet tkun storja għal kollox differenti li kieku r-rikorrenti rrikorrew quddiem din il-Qorti wara li jkunu talbu lid-Diretturi preċedenti li ssir laqgħa u jagħmlu t-talba lil Qorti wara li din tkun ġiet irrifjutata.

Il-Qorti hija tal-fehma, u f'dan is-sens trid tabbraċċja l-argument mressaq l-quddiem mill-abbli difensur ta' Clint Abela u Charles Zammit, illi jekk kemm-il darba tilqa' t-talba rikorrenti u jirriżulta li huwa minnhu li Charles Zammit u Clint Abela ma rriżenjawx minn jheddhom, dan ser iservi sabiex potenzjalment tiġi sanata u regolarizzata sitwazzjoni u azzjoni li ma jmessa' qatt ittieħdet u saret.

Il-Qorti trid tispera illi din l-azzjoni ma ttiħdidtx b'għan bħal dan – altrimenti tista' biss tiddeplora l-aġir abużiv tar-rikorrenti illi jittentaw azzjoni legali <u>biss</u> biex jissanaw azzjoni lleċita minnhom komessa. Dan, għal din il-Qorti, MHU AĊĊETTABBLI qatt u twissi serjament illi hija mhix ser taċċetta aġir abbużiv bħal dan.

**GĦALDAQSTANT**, **magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li r-rekwiżiti tal-Artikolu 132(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta ma jirriżultawx għaliex ma jirriżultaliex illi r-rikorrenti ppruvaw illi**

**hemm xi raġuni illi ma tagħmilhiex prattikabbli li tissejjaħ laqgħa taż-żewġ kumpaniji de quo bil-mod li bih jistgħu jissejħu laqgħat tagħhom u għalhekk m'għandha l-ebda għażla ħlief li tiċħad it-talba tar-rikorrenti.**

**L-ispejjeż għandhom jkunu sopportati mir-rikorrenti.**

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |